**22 ta' Lulju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Rita Portelli

*versus*

Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari u Harry Portanier

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Liġi - Inkostituzzjonalità - Nullità - Leġittima Kontradditur - Prim Ministru - Rikors - Appell - Kawtela - Kjamata fil-Kawża**

*Appell lill-Qorti Kostituzzjonali ma għandux għalfejn ikun munit b'garanzija għall-ispejjeż. F'kawża fejn tiġi attakkata b'nullità liġi leġittima kontradittur huwa l-Prim Ministru u mhux il-Ministru tal-Ġustizzja. Tali difett ma jistax jiġi ssanat bil-kjamata fil-kawża tal-Prim Ministru.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih Rita Portelli fissret illi hija l-proprjetarja tal-fond 55, Blanche Street, Sliema; Illi b'sentenza ta' dina l-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Rita Portelli -vs- Harry Portanier" deċiża fl-10 ta' April, 1979 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ġunju, 1979, l-intimat Harry Portanier ġie ddikjarat li qed jokkupa l-fond bla titolu u ġie mogħti żmien xahrejn biex jiżgombra minnu; Illi ċ-ċitazzjoni pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Harry Portanier vs. Rita Portelli" l-intimat Harry Portanier talab li jiġi ddikjarat u deċiż minn din il-Qorti, li l-attur qed jokkupa l-fond 55, Blanche Street, Sliema b'titolu ta' lokazzjoni skond l-Att XXIII ta' l-1979 b'żieda tal-kera fuq iċ-ċens skond kif indikat fl-istess Att, *stante* li hu ċittadin Malti u r-residenża normali u

ordinarja tiegħu hija l-fond in kwistjoni; u għaliex konsegwenzjalment m'għandhiex din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' l-opportun kontro-mandat tal-mandat ta' żgumbrament numru 940/79 fl-ismijiet "Rita Portelli vs. Harry Portanier" maħruġ fil-31 ta' Awissu, 1979; Illi r-rikorrenta eċċepiet fost affarijiet oħra l-inkostituzzjonalità ta' l-Att XXIII ta' l-1979 *in vista* ta' l-artikoli 48(9) u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; Illi b'digriet ta' l-4 ta' Marzu, 1980, ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru, 1980, fil-kawża fl-ismijiet "Harry Portanier vs. Rita Portelli" ddeċidiet billi pprefiġġiet terminu lir-rikorrenti ta' ħmistax-il ġurnata biex tipproċedi skond il-liġi għall-finijiet tal-kera jew possibilità ta' ksur ta' l-artikoli tal-Kostituzzjoni kif allegata minnha; Illi għalhekk ir-rikorrenti pproċediet bil-preżenti istanza: Illi r-rikorrenti tħoss li bil-mod li qiegħda tiġi interpretata u applikata l-liġi fuq imsemmija, qiegħed jiġi vvjolat id-dritt ta' proprjetà tagħha protett mill-artikolu 38 u 48(9) tal-Kostituzzjoni. Bis-sentenza tal-10 ta' April, 1979, li mbagħad għaddiet in ġudikat, hija kellha stabbilit li ħadd ma kellu ebda dritt fuq il-fond numru 55, ta' inkwilinat favur l-intimat Portanier hija tilfet il-pussess ta' dan il-fond, ħaġa għaliha ta' importanza kbira għax kellha bżonnu biex fih tgħammar bintha. Hija ma ġietx adegwatament ikkompensata għal dan it-telf u lanqas ingħatalha dritt ta' Appell fuq il-fissazzjoni tal-kumpens relattiv u l-kondizzjonijiet tal-kirja; Illi mhux biżżejjed imma l-intimat Harry Portanier għandu postijiet vojta f'liema jista' joqgħod waqt li bint ir-rikorrenti qiegħda tgħix f'post inadegwat u ristrett; Għalhekk ir-rikorrenti tħoss li ġew ivvjolati d-drittijiet fondamentali tagħha; Għaldaqstant hija ddikjarat li tħoss id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ġiet miksura u qed tiġi miksura minħabba li bħala konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' l-Att XXIII ta' l-1979 hija ma hix jirnexxilha tesegwixxi s-sentenza preċitata tal-10 ta'

April, 1979, u b'hekk ġiet ipprivata mill-pusses tal-proprjetà tagħha u titlob li dik il-Qorti jogħġobha tagħtiha r-rimedji xierqa u neċessarji *a termini* ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni, fosthom id-dikjarazzjoni li l-Att XXIII ta' l-1979 (sa fejn jista' jġib il-konsegwenza li hi ma tistax tirriprendi l-pussess tal-preċitata proprjetà tagħha) hu antikostituzzjonali u għalhekk null għax jilledi d-drittijiet fondamentali tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Harry Portanier fejn qal li t-talba tar-rikorrenti hija legalment infondata u li t-talba għandha tiġi miċħuda;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Ministru tal'Ġustizzja fejn, *in línea* preliminari qal it-talba tar-rikorrenti ma tistax issir b'rikors u li bla preġudizzju għal dan, it-talba tar-rikorrenti hi bla bażi legali *stante* li l-Att XXIII ta' l-1979 ma jmurx kontra l-Kostituzzjoni u ma jilledi ebda dritt fondamentali tar-rikorrenti;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili tal-31 ta' Jannar, 1983, fejn l-ewwel eċċezzjoni ġiet riġettata;

Rat li dik is-sentenza ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru, 1983;

Rat li fil-5 ta' Ottubru, 1984, b'risposta ulterjuri preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-intimat Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, dejjem *in línea* preliminari, qal li l-leġittimu kontradittur f'kawża dwar il-validità jew nullità ta' liġi huwa l-Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u mhux l-intimat odjern Ministru tal-Ġustizzja li għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Rat it-talba tar-rikorrenti, ivverbalizzata fit-28 ta' Novembru, 1984, fejn mingħajr preġudizzju għall-pretensjoni tiegħu li l-ġudizzju kif uniku huwa integru, talab il-kjamata in kawża ta' l-Onor. Prim Ministru, fl-eventwalità li l-Qorti ssib ħtieġa ta' dan;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili tas-26 ta' Marzu, 1985, li biha dik il-Qorti, prevja riġett tat-talba tar-rikorrenti għall-kjamata in kawża tal-Prim Ministru, laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u lliberat l-imsemmija intimati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti wara li kkunsidrat:

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed titlob, barra rimedji oħra, id-dikjarazzjoni li l-Att XXIII ta' l-1979 hu antikostituzzjonali u għalhekk null għax jilledi d-drittijiet fondamentali tagħha;

Illi kif ġa ġie deċiż fis-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament presjeduti, in re "George Vigo vs. Nutar Dottor Vincent Gatt" tat-30 ta' Jannar, 1958 u *in re* "Dr. Frank Callus *et vs.* Ministru tas-Saħħa" tat-28 ta' Ġunju, 1977, il-Prim Ministru għandu interess, b'mod prinċipali, fil-validità *o meno* ta' liġi, ċjoè ta' l-eżitu ta' din il-kawża u għalhekk huwa l-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u mhux il-Ministru tal-Ġustizzja li kien ressaq din il-liġi għall-konsiderazzjoni tal-Parlament;

Illi dwar it-talba għall-kjamat in kawża tal-Prim Ministru, din ma tistax isservi biex tikkonvalida proċeduri nullament proposti;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmija Rita Portelli ppreżentat fit-2 ta' April, 1985, li permezz tiegħu talbet li din

il-Qorti tirrevoka l-preċitata sentenza, u b'hekk tiddeċidi billi tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni b'ordni, jekk jidhrilha hekk meħtieġ, li jiġi kjamat fil-kawża l-Prim Ministru ta' Malta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament ippreżentata fit-18 ta' April, 1985, li biha, għar-raġunijiet hemm imsemmija, issottometta illi din il-Qorti għandha tiċħad ir-rikors ta' l-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha;

Rat il-protest ta' l-Aġent Registratur tal-Qrati Superjuri li bih irrifjuta bħala mhux tajjeb il-garanti miġjub mill-appellanti bil-petizzjoni tagħha (*sic*) fil-persuna ta' Nicholas Sammut;

Rat li l-intimat, Harry Portanier, għalkemm debitament innotifikat fis-17 ta' April, 1985 bir-rikors ta' l-appell u debitament innotifikat bil-mozzjoni tas-smigħ ta' l-appell fl-14 ta' Mejju, 1985, ippreżenta r-risposta tiegħu fil-21 ta' Mejju, 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif ġà ngħad, l-Aġent Reġistratur tal-Qorti rrifjuta bħala mhux tajjeb il-garanti miġjub mir-rikorrenti appellanti biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-appell. Jidher minn eżami

tal-proċess li in segwitu għal dan ir-rifjut ir-rikorrenti appellanti ma ħaditx il-passi soliti biex tikkawtela l-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-appell billi tiddepositata fir-Registru tal-Qorti s-somma ffissata mir-Reġistratur għal dan l-iskop;

Għalhekk tqum il-kwistjoni jekk, fin-nuqqas tal-malleverija, ir-rikorrenti appellanti tistax issostni l-appell tagħha. Huwa evidenti li din il-kwistjoni tinvolvi l-eżami u deċiżjoni tal-kwistjoni kardinali jekk f'każ ta' appelli kostituzzjonali simili għal dak preżenti teħtieġ jew le l-imsemmija malleverija billi jekk ma teħtieġ, il-Qorti tkun tista' tiddeċidi l-punti ssollevati fl-appell mentri jekk tkun meħtieġa, il-Qorti tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert skond il-liġi;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors promotorju tal-proċeduri preżenti r-rikorrenti appellanti, li għar-raġunijiet minnha avvanżati qiegħda tippretendi li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, qiegħda titlob li l-Qorti tagħti r-rimedji xierqa u neċessarji *ai termini* ta' l-Artikolu 47(2) ta' l-istess Kostituzzjoni;

L-Artikolu 47(7) jikkontempla li jsiru regolamenti li jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qrati ta' Malta għall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 47 u fil-fatt bl-Avviż Legali 48 ta' l-1964 ġew ippromulgati r-regolamenti li jissejħu r-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali u bl-Avviż Legali 49 ta' l-1964 ġew ippromulgati r-regolamenti li jissejħu r-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar il-Qorti Kostituzzjonali. Il-kwistjoni fuq imsemmija għandha tiġi deċiża fid-dawl ta' dawn l-aħħar imsemmija regolamenti;

Ir-Regolament 11 ta' l-imsemmi Avviż Legali 49 ta' l-1964 jiddisponi li bla ħsara għal dawn ir-Regolamenti d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-prattika u l-proċedura quddiem il-Qorti ta' l-Appell għandhom ***mutatis mutandis*** japplikaw għall-Qorti Kostituzzjonali. Mela l-kwistjoni għandha tiġi solvuta mill-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom japplikaw ***mutatis mutandis*** iżda dan bla ħsara għar-Regolamenti ta' l-istess Avviż Legali 49 ta' l-1964 li għalhekk għandhom jipprevalu;

Minn eżami ta' l-istess Regolamenti u b'mod partikulari mir-Regolament 4 jidher li fil-każ preżenti r-rikors ta' l-appell għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar iċ-ċirkostanzi li minnhom jinħoloq l-appell, ir-raġunijiet ta' l-appell u t-talba għar-revoka jew f'termini speċifiċi, il-modifika tad-deċiżjoni appellata. Fl-ebda parti ta' dan ir-Regolament li jikkontempla x'għandu jkun fih ir-rikors ta' l-appell (u jista' jiżdied f'ebda Regolament ieħor) ma tissemma l-malleverija bħal ma tissemma fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-każ ta' appelli b'petizzjoni lill-Qorti ta' l-Appell fejn jingħad fl-Artikolu 247(1) li ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża;

Kwindi l-Qorti hi tal-fehma li skond l-imsemmija Regolamenti kkontemplati fl-Avviż Legali 49 ta' l-1964 ma kienx hemm bżonn fil-każ preżenti li r-rikorrenti appellanti tagħti wkoll garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell u għalhekk in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li tagħmel id-depożitu fuq imsemmi mhux ta' ostakolu għas-smigħ ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti appellanti qiegħda tissottometti li l-intimat il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari ma setax jissolleva l-eċċezzjoni li hu mhux leġittimu kontraddittur fil-kawża preżenti wara li kien hemm diġa' deċiżjoni fuq punti preliminari u l-kawża ġiet differita mill-Qorti għat-trattazzjoni fil-meritu u dana billi, skond ir-rikorrenti appellanti l-eċċezzjoni in kwistjoni hija waħda dilatorja u mhux perentorja;

Il-Qorti però ma taċċettax din is-sottomissjoni. Kif ġie diversi drabi ritenut minn dawn il-Qrati, l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna mhix eċċezzjoni dilatorja iżda hija waħda perentorja u għalhekk opponibbli fi kwalunkwe stadju tal-ġudizzju, anke fis-sekond'istanza meta jista' jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż, u tista' tiġi ssollevata mill-Qorti *ex officio* (Kollezzjoni Deċiżjonijiet Vol. XVIII-I-108; Vol. XX-III-1; Vol. XLI. I-637 - Appell Dr. V. Ragonesi *nomine et* vs. Vassallo, 1 ta' Frar, 1984);

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti appellanti qiegħda tissottometti wkoll li huwa l-Parlament li jagħmel il-liġi u mhux il-Gvern u kwindi l-aktar persuna indikata biex toqgħod f'ġudizzju fejn tkun tista' tkun invokata n-nullità ta' liġi, bħal fil-każ preżenti, huwa l-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Parlamentari u mhux il-Prim Ministru;

Anke hawn il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni. Mill-Artikolu 180A introdott fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIII ta' l-1971 jidher li l-proċeduri ġudizzjarji jistgħu jiġu istitwiti sija kontra l-Prim Ministru sija kontra Ministru ieħor kif ukoll kontra kap ta'

dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor. Anke qabel dik l-emenda fil-liġi proċedurali, il-Qrati tagħna kienu jirritjenu li l-Ministri huma kompriżi fil-kategorija ta' pubbliċi amministraturi u bħala tali għandhom jiġu ritenuti bħala persuni leġittimi biex joqogħdu fil-ġudizzju (Kolleż. Dec. Vol. XLI. - 385);

Il-Qorti hija tal-fehma li minn għandu jiġi mħarrek jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u kwindi jinkombi lill-Qorti li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti biex tiddeċiedi jekk il-kwistjoni taqax jew le fl-orbita tal-Ministeru ta' l-intimat l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari;

Fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrenti appellanti qiegħda tippretendi li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ġew miksura fil-konfront tagħha bħala konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' l-Att XXIII ta' l-1979 u qiegħda titlob li l-Qorti tagħtiha r-rimedji xierqa u neċessarji *ai termini* ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni fosthom id-dikjarazzjoni li l-Att XXIII ta' l-1979 - sa fejn jista' jġib il-konsegwenza li ma tistax tirriprendi l-pussess tal-proprjetà tagħha - huwa antikostituzzjonali u għalhekk null;

Il-Qorti tirritjeni li meta kwistjoni devoluta lill-Qrati tinvolvi l-kostituzzjonalità *o meno* u kwindi n-nullità *o meno* ta' liġi, il-proċeduri relattivi għandhom jiġu diretti kontra l-Onorevoli Prim Ministru billi huwa l-Prim Ministru li jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta fil-kollettività tiegħu u li, bħala tali, għandu interess fil-validità *o meno* ta' dik il-liġi;

L-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet

Parlamentari ma jistax jingħad li jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta fit-totalità tiegħu imma jirrappreżentah biss in kwantu jirrigwarda dak li jaqa' taħt l-orbita tal-Ministeru tiegħu. Il-fatt li l-istess Onorevoli Ministru huwa wkoll minbarra Ministru tal-Ġustizzja, Ministru għall-Affarijiet Parlamentari ma jfissirx li b'daqshekk huwa jirrappreżenta l-Gvern għal dak li jirrigwarda l-validità *o meno* ta' liġi billi din il-validità ma tirrigwardax biss dak li jaqa' taħt il-Ministeru tiegħu iżda tirrigwarda l-pajjiż kollu kemm hu *stante* li l-konsegwenzi ta' kwalunkwe deċiżjoni relattiva għall-istess validità jaffettwa l-pajjiż kollu u kwindi l-persuna li tirrappreżenta l-Gvern tal-pajjiż, ċjoè l-Onorevoli Prim Ministru, hija l-leġittima kontradittriċi f'kawżi simili;

Għandu jiżdied li l-prinċipju fuq enunċjat m'huwiex kompletament ġdid għall-Qrati tagħna billi fil-kawża "George Vigo vs. Nutar Dottor Vincent Gatt *noe*", 30 ta' Jannar, 1958, il-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili qalet li "m'hemmx dubju li l-Prim Ministru, in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, għandu interess b'mod priċipali fil-validità *o meno* tal-liġi msemmija fl-eżitu ta' din il-kawża u għalhekk huwa kien imissu ġie mħarrek f'dan il-ġudizzju";

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti appellanti qiegħda tissottometti wkoll illi l-azzjoni preżenti mhux azzjoni għan-nullità tal-liġi taħt l-artikolu 116 (*recte* 119) tal-Kostituzzjoni imma azzjoni għall-protezzjoni minn ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha u billi, skond ir-rikorrenti, il-ksur qed isir miż-żewġ intimati appellanti, allura huma persuni leġittimi biex joqogħdu fil-kawża u f'każ simili hemm lok għall-kjamata in kawża tal-Prim Ministru;

Ir-rikorrenti appellanti però mhix preċiża fis-sottomissjonijiet tagħha. Għalkemm l-azzjoni preżenti hija bbażata fuq il-pretiż ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti appellanti, hija qiegħda titlob, fost ir-rimedji li tagħtiha l-Qorti, id-dikjarazzjoni li l-Att XXII ta' l-1979, sa fejn jista' jġib il-konsegwenza li hi ma tistax tirriprendi l-pussess tal-proprjetà tagħha, huwa anti-kostituzzjonali u null u din it-talba għar-raġunijiet fuq imsemmija kellha tiġi diretta kontra l-Prim Ministru. Il-kjamata fil-kawża ma tistax isservi biex tikkonvalida proċeduri nullament proposti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mir-rikorrenti appellanti.